Kunsill Reġjonali Għawdex

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 116/2023

**Il-Ġimgħa, 14 ta' April, 2023**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Saviour Borg | Kunsill Lokali tal-Fontana |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali ta' Għajnsielem |
| Is-Sur David Apap Agius | Kunsill Lokali tal-Għarb |
| Is-Sur Emanuel Minfoff | Kunsill Lokali tal-Għasri |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali ta' Kerċem |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali tal-Munxar |
| Is-Sur Noel Formorsa | Kunsill Lokali ta' San Lawrenz |
| Is-Sur Hubert Saliba | Kunsill Lokali tax-Xewkija |
| Is-Sur Claytom Theuma | Kunsill Lokali ta' Sannat |
| Dr Marlene Cini | Kunsill Lokali taż-Żebbuġ |
| Is-Sur Edward Said | Kunsill Lokali n-Nadur |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Buttiġieġ | Kunsill Lokali tal-Qala |
| Dr Christian Zammit | Kunsill Lokali tax-Xagħra |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Karl Vella | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv (ADSE) |

**Minuti**
Il-President Dr Samuel Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

**116.1 Talba**

116.1.1 Il-Laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

**116.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

116.2.1 L-ADSE ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija mibgħuta. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji rispettivi.

116.2.2 Il-President preżenta l-minuti tal-laqgħat 114 u 115 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

116.2.3 Il-membri membri approvaw l-minuti hekk kif preżentati.

**116.3 Komunikazzjoni tal-President**

116.3.1 IGCAT – Il-President informa lill-membri li hu flimkien mal-uffiċjal tal-Kultura kienu ser imorru Kos, fil-Greċja sabiex jiffirma l-protokoll ta' sħubija.

**116.4 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali**

116.4.1 Il-President stieden lis-Sur William Sultana, bħala segretarju tal-bord tal-għażla, sabiex jidħol fil-kamra u talbu jaqra r-rapport tal-Bord tal-Għażla.

116.4.2 Is-Sur Sultana spjega li mill-kandidati li saritilhom l-intervista s-Sinjura Rita Mifsud Attard kienet il-persuna li ġabet l-aktar voti, għaldaqstant il-Bord kien qiegħed jirrakkomandi li tintagħżel hi.

116.4.3 Il-membri preżenti qablu.

116.4.4 Il-President irringrazzja lill-predeċessur tagħha tax-xogħol li kien wettaq.

**116.5 Ħatra ta' Assistent Skrivan (Skala 16)**

116.5.1 Il-President stieden lis-Sur Karl Vella, bħala segretarju tal-bord tal-għażla, sabiex jaqra r-rapport tal-Bord tal-Għażla.

116.5.2 Is-Sur Vella spjega li mill-kandidati li saritilhom l-intervista s-Sur David Calleja kien il-persuna li ġabet l-aktar voti, għaldaqstant il-Bord kien qiegħed jirrakkomandi li jintagħżel hu.

116.5.3 Il-membri preżenti qablu.

**116.6 Korrispondenza**

116.6.1 Għarb LC – Ħsara kkawżata mill-maltempata f'Novembru tammonta għal €6,400. Il-President spjega li issa kien ta żmien biżżejjed sabiex jiġu sottomessi t-talbiet u din il-materja ser tiġi finalizzata fil-laqgħa li jmiss.

116.6.2 Dr John Debono – Talab sabiex jingħata ktieb *Gozo: A Portrait of an Island.* Il-membri qablu peress li s-Sur Debono hu riċerkatur.

116.6.3 Evaluation Report - RGH/2/2023 – Call for Quotations for the Supply and Delivery of Stationery Items – Il-bord tal-evalwazzjoni jirrakkomanda lil Office Essentials Ltd peress li din kienet c-cheapest technically compliant offer. Il-membri qablu.

116.6.4 Evaluation Report - RGH/3/2023 – Provision of Transport Services – Il-bord tal-evalwazzjoni jirrakkomanda li din l-offerta terġa tinħareġ peress li ġie overbudget. Il-membri qablu.

116.6.5 Evaluation Report - RGH/4/2023 – Call for Quotations for the Provision of Cleaning Services at the Gozo Regional Council Offices. Bħalissa qeda fil-proċess ta' evalwazzjoni.

116.6.6 Evaluation Report – RGH/6/2023 – Call for Quotations for the Provision of Consultancy Services to the Gozo Regional Council. Il-bord tal-evalwazzjoni jirrakkomanda lil Natale Letizia peress li din kienet c-cheapest technically compliant offer. Il-membri qablu.

116.6.7 Is-Sur Marlon Spiteri – Ressaq rikjesta għall-Cultural Leave bejn it-22 ta' Mejju u t-2 ta' Ġunju sabiex jgħin fil-preparamenti tal-festa tal-Munxar. Il-membri qablu li dan jingħata.

116.6.8 AKL – ECAD – Il-konferenza ser tkun organizzata nhar il-11 ta' Mejju ġewwa l-lukanda Dolmen.

116.6.9 DLG – Id-Direttur Ġenerali nforma lill-Kunsill Reġjonali li "sabiex ikun assigurat li l-managers jiġu nġaġġati kemm jista' jkun malajr, l-ammont ekwivalenti għas-salarju tagħhom ser ikun miżmum sakemm isir l-ingaġġ tagħhom fejn hemm vakanza." L-ADSE informa li mill-allokazzjoni tal-Kunsill tnaqset il-paga tal-uffiċjal responsabbli mill-amministrazzjoni tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart. Il-President informa lill-membri li hu ser ikun qiegħed ikellem lid-Direttur Ġenerali fuq din il-materja.

116.6.10 Jo Curtis (Cast Out Project) – Talbet sabiex jekk hu possibli tingħata waħda mill-pedelecs li l-Kunsill Reġjonali kien qassam lill-Kunsilli Lokali, sabiex din tintuża biex jinstab skart f'postijiet mhux aċċessibli u b'hekk dan ikun jista' jinġabar. Il-membri qablu li dan ma kienx l-iskop wara din l-iskema, u għaldaqstant, it-talba ma' ġietx aċċettata.

## 116.7 Materji oħra

116.7.1 Xejn

## 116.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti

116.8.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 23/04 li kienet tammonta għal €330,734.56

## 116.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

116.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fit-7.00p.m. ta' filgħaxija u ġiet aġġornata *sine die*.

**IFFIRMATI**

________________________

Dr. Samuel Azzopardi
President

**IFFIRMATI**

________________________

Karl Vella
Agent Deputat Segretarju Eżekuttiv